# L-ISKRAPAN MALTIN FL-EWWEL SNIN TAL-INGLIŻI F'MALTA

*(Jaqbad mal-faċċ. 118 tal-1931).*

Hawn Malta, meta kienet tiġi mogħtija s-setgħa lil wieħed barrani li jkun jista' jiftaħ ħanut, din is-setgħa warajha kienet iġġib li dak li jkun ikollu l-Grazzja tan-Naturalizzazzjoni. Mingħajr din, il-barranin, f'dawn il-Gżejjer, bħal f'kull art oħra, ma kienu jatuhom qatt li jagħmluha ta' Mgħallmin fl-ebda Sengħa.

Għalkemm f'Malta kienu jinsabu xi barranin, il-għadd tagħhom kien wisq ftit. Il-qagħda tagħhom hawn kienet ġiet iddegretata mill-Gvern fiż-żmenijiet li għaddew. Iżda dan sar, wara li dawn il-barranin kienu ilhom hawn għal xi żmien u għarfu jġibu ruħhom sewwa, barra wkoll imħabba li qatt ma gergru fuqhom il-Maltin.

Il-biċċa ta' Facciolà, bla ebda ħsieb ta' xejn, ma kellhiex x'taqsam ma' ta' dawn il-barranin. Facciolà kien qiegħed iżomm ħanut mingħajr is-setgħa meħtieġa. Għat-talb tal-Iskrapan Maltin, tefa' t-Talba tiegħu għal din is-setgħa. Li talab ma ġiex milqugħ, u, fil-waqt li ġie mwissi li ma jżommx ħanut, tawh li jista' biss jaħdem ma' wieħed Imgħallem. Facciolà daħak bit-twissijiet kollha tal-Gvern, qagħad f'ħanut ma' wieħed Imgħallem mill-iżjed imqaxxqa, ġieb ħames Ħaddiema minn Sqallija, u, taħt id-dell ta' dana l-Imgħallem, issokta jaħdem is-Sengħa tiegħu flimkien mal-Ħaddiema li ġieb.

Fuq li għarrfet il-Qorti, il-Gvernatur qata', fil-25 ta' Awwissu 1801, li jibqa' jimxi kollox kif kien qata' qabel il-General Pigot, jiġifieri li Facciolà ma jistâx iżomm ħanut, imma jista' biss jagħmilha ta' Ħaddiem ma' Mgħallem. Għalhekk il-Qorti ġiet imġiegħela li tgħarraf lil Facciolà, li kemm il-darba jikser din it-twissija, jiġi mkeċċi minn Malta għal dejjem.

Iżda, b'dana kollu, Facciolà ma qatgħax qalbu: ried jissokta jara jirnexxilux il-ħsieb ta' rasu: għar-raba' darba għamel petizzjoni oħra lill-Gvernatur, li minnha ħadna dan li ser ingħidu. Facciolà għarraf, li, meta għamel il-petizzjoni, il-qagħda tiegħu kienet f'Malta, u, għalhekk, raġa' talab li jiftaħ ħanut il-Belt. Għarraf ukoll li, minn barra, ġieb sitt qnatar Sola ta' Franza, 300 par żarbun, 40 par Stvali tal-ġild, 200 par trombi u lastku tal-Istvali, qantarejn kurdwana, 50 Ratal

Alakka ħadra, 10 tuzzani Kamoxxa, qantarejn ġild tal-muntun u qantarejn ġild tal-għoġliet. Għalhekk talab li jatuh is-setgħa biex ibiegħ dawn il-ħwejjeġ li semma' u l-oħrajn bħal dawn li kien jistenna li jaslulu minn Palermu u minn bnadijiet oħra f'ħanut li hu stess jiftaħ il-Belt.

Il-Gvernatur Cameron, fl-1 ta' Settembru 1801, bagħat il-Petizzjoni lill-Qorti biex tagħmel Relazzjoni fuq din il-biċċa. Il-Qorti għarrfet, lill-Iskrapan tal-erbat Ibliet, x'talab Facciolà, u dawn għamlu petizzjoni oħra lill-Gvernatur. Fiha qalu, li billi l-Gvernatur ġietu ħniena mill-Iskrapan Maltin, imħabba l-kbira ħsara li kien ser iġib lilhom Facciolà meta ried jiftaħ ħanut bħal tas-Sengħa tagħhom u fih jaħdem bħala Mgħallem, sama' r-Rikorsi tagħhom u ddegrieta li Facciolà bl-ebda xejn ma kien jista' jiftaħ ħanut taħt piena tat-tkeċċija minn Malta, kemm-il-darba jikser din it-twissija. Meta l-Gvernatur qata' hekk, wera, bla ebda ħsieb ta' xejn, li ried jilqa' għal dak it-taħwid li Facciolà tħajjar iġib fl-ekonomija ta' din il-Gżira. B'dan il-għamil, Facciolà ried jiġbed għalih il-qliegħ ta' ħafna nies fqar, li ma kellhomx biex igħixu b'ħaġ'oħra ħlief bis-Sengħa tagħhom. Din il-ħsara ma kienx jista' wieħed jilqagħha, sew jekk Facciolà kien jaqla' s-setgħa li jaħdem fil-ħanut bħala Mgħallem, kemm ukoll jekk jatuh is-setgħa li jdaħħal f'Malta xogħol maħdum f'art barranija u jbiegħhom hawn. Bli talab Facciolà ried jaħrab minn dak ir-Reskritt tal-Gvernatur li kien ġie mogħti lill-Iskrapan. Għalhekk dawn talbu lill-Gvernatur biex ma jilqgħax u jreġġa' l-ura t-talba ta' Facciolà.

Il-Gvernatur bagħat il-petizzjoni tal-Iskrapan lill-Qorti, biex tagħmel Rapport ta' kollox. Il-Qorti, fil-5 ta' Ottubru 1801, tat ir-Relazzjoni tagħha lill-Gvernatur, fejn reġgħet semmiet mill-ġdid dak kollu li kienet qalet fir-Relazzjonijiet l-oħra ta' qabel. Iżda, barra minn dak kollu li semmejna iżjed il-fuq, qalet ukoll, li l Għaqda tal-Imgħallmin Skrapan bil-Ħaddiema tagħhom hi magħmulha minn madwar l-1000 ruħ. Dawn kollha jgħixu minn din is-Sengħa. Meta Facciolà talab li jatuh is-setgħa li jdaħħal hawn, u jbiegħ f'ħanut, xogħol maħdum barra minn Malta, wieħed sata' jintebah malajr, li l-ħsieb tiegħu kien li joqtol bil-ġuħ lil dawn il-Maltin, billi ried jiġbed għalih biss il-qliegħ ta' ħafna nies.

Għalhekk, il-Qorti talbet lill-Gvernatur, li lil Facciolà mhux biss ma jatuhx li jiftaħ ħanut, imma l-anqas jatuh li jbiegħ il-ġild u wisq anqas li jbiegħ ħwejjeġ maħduma barra, kif hekk kienet titlob il-ħtieġa tal-Gżira. Biss lil Facciolà

jħalluh jaħdem taħt Imgħallem Skarpan Malti, kif hekk kien ġie maqtugħ qabel.

Għal din ir-Relazzjoni tal-Qorti, il-Gvernatur qata', fis-6 ta' Ottubru 1801, li jsir kollox kif qalet il-Qorti. U hekk Facciolà kellu jitqanna, li, kemm-il-darba ried jibqa' Malta, ma kellux jagħmel ħaġ'oħra ħlief li jagħmilha biss ta' Ħaddiem ma' Mgħallem Malti.

Għalkemm lil Facciolà ma kenux tawh is-setgħa li jbiegħ dawk il-ħwejjeġ li ġieb minn barra, lil Ġużè Bertolini, li iżjed il-fuq konna semmejna, tawh xi żmien biex ikun jista' jneħħi l-merkanzija li ġieb miegħu. Iżda, billi fiż-żmien li tawh ma laħaqx biegħhom, għamel petizzjoni oħra lill-Gvernatur biex jatuh nifs aktar.

Minn din il-petizzjoni nieħdu, li Bertolini ġie hawn Malta minn Sqallija. Miegħu ġieb xi ġild u żraben. Meta wasal hawn, il-Gran Viskont tah ħmistax-il-jum żmien biex jilħaq ibiegħ dawk il-ħwejjeġ li ġieb miegħu, u jfittex jarġa' jmur l-ura minn fejn ġie. Iżda ma rnexxilux ibiegħhom, għax tawh flus ftit fihom. Fuq hekk ma qabillux ineħħihom. Għal din il-biċċa talab, li jerġgħu jatuh is-setgħa li jibqa' fil-Gżira sa kemm isib ibiegħhom, imbagħad jitlaq lejn artu

Il-Gvernatur, fis-7 ta' Awwissu 1801, ġiegħel lill-Qorti biex tati l-fehma tagħha fuq din il-petizzjoni.

Il-Qorti, fit-22 ta'Awwissu 1801, tat ir-Rapport tagħha lill-Gvernatur, li minnu ħadna dan li s'er ingħidu. Bertolini kien dak li ġie msemmi f'Relazzjoni oħra li ġiet mogħtiha lill-Gvernatur dwar ir-Rikorsi li kienu għamlu l-Imgħallmin Skrapan Maltin u Baskal Facciolà. Bertolini fil-ħin tal-prattka qal, lill-Gran Viskont, li miegħu ġieb żewġ żgħażagħ bħala ħaddiema. Iżda meta kien ġie mistoqsi mill-Qorti fejn rafa' l-merkanzija tiegħu li ġieb, wieġeb li qiegħed iżommha fil-ħanut ta' Facciolà. Minn hekk deher, li ż-żewġ ħaddiema ma kenux ma' Bertolini, imma ġew miġjuba minn Facciolà. Għal dan it-tħarrif ta' Bertolini, li ma stqarx is-sewwa meta ġie mistoqsi mill-Qorti, u mħabba wkoll fuq li qalu l-Imgħallmin Skrapan Maltin, Bertolini ma jistħokklux li jatuh żmien iżjed mill-ħmistax il-jum li tawh biex jitlaq minn hawn.

Fuq li qalet il-Qorti, il-Gvernatur qata', li lil Bertolini ifittxu ibewġuh minn Malta bla telf ta' żmien xejn.

L-Iskrapan Maltin, barra milli fl-1801 kienu mħabbtin għas-sħiħ min-nies barranin li kellhom l-istess Sengħa tagħhom, bħal ma rajna milli għedna, fl-1811 reġgħu ġew imfixxkla

sewwa, fix-xogħol tagħhom, minn din il-għamla ta' nies barranin.

Għal din il-biċċa, ħafna Mgħallmin u xi Ħaddiema Skrapan gergru mal-Konslu tagħhom, li fl-1811 kien Salvu Danza. Fuq hekk, Danza għamel petizzjoni lill-Gvernatur. Fiha qal li f'Malta kien hawn bosta Skrapan barranin. Dawn mhux talli ma kien biż-żejjed għalihom li kienu qegħdin jaħdmu fis-Sengħa tagħhom hawn, imma minn fuq ukoll ġiebu kotra kbira ta' xogħol tal-Iskrapan maħdum barra. Il-għamil ta' dawn kienx ta' bosta ħsara u deni kbir għall-Iskrapan Maltin. Imħabba f'hekk, il-Maltin, barra milli ma kenux isibu jbiegħu xogħolhom, minn jum għall-ieħor dejjem kien jiżdied il-qagħad u l-faqar fosthom. Ix-xogħol u l-bejgħ hawn mill-barranin qatt ma kien ġie mħolli li jista' jsir. Għalhekk Danza, billi deherlu li kien dmir tiegħu li jgħarraf b'dan lill-Gvernatur, talbu biex jieħu malajr ħsieb ta' din il-biċċa, għax kien meħtieġ li jneħħi, min-nofs, din il-ħsara li kienet qegħda ssir, ħsara li bil-ħaqq kollu gergru minnha l-Iskrapan Maltin, imħabba l-għaks kbir li waqa' fuq il-kotra kbira tagħhom, billi lil dawn naqashom ix-xogħol għal kollox.

Għal din il-petizzjoni, il-Gvernatur, fil-5 ta'Awwissu 1811, ġiegħel lill-Qorti biex tieħu ħsieb u ma tħallix li l-barranin jieħdu ħobż il-Maltin.

Ftit taż-żmien wara li saret il-petizzjoni li semmejna, Salvu Danza għamel oħra, lill-Gvernatur, fl-isem tiegħu u tal-Imgħallmin u l-Ħaddiema Skrapan kollha, bħala Konslu tagħhom. Fiha qal, li xi Sqallin ħadu drawwa li minn barra jġibu hawn żraben u xogħlijiet oħra maħduma tas-Sengħa tagħhom bi kbira ħsara għall-Iskrapan Maltin. In-nies kienet tixtri dawn iż-żraben, billi tagħma fuq il-ftit flus li jqumu. Iżda, għalkemm fil-għajn kienu jidhru tajba, għal dik li hi saħħa, ma kienu jiswew xejn. Għal din il-biċċa, billi l-Iskrapan beżgħu li ser jaqgħu fil-faqar, għax, barra s-Sengħa tagħhom, ma kellhom xejn iżjed biex jistgħu jaqilgħu l-għajxien tagħhom, il-Gvernatur ġie mitlub li jieħu ħsieb tagħhom.

Il-Gvernatur, fl-14 ta' Ottubru,1811, qabbad lill-Qorti biex tagħmel Relazzjoni dwar din il-biċċa. Iżda xi rrapportat il-Qorti ma ġiex f'idejna.

**Ġużè Gatt.**